MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru. 38/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Carmel Xiberras**

Numru: 38/2013

Illum 2 ta’ Ottubru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmel Xiberras,** ta’ sitta u sittin (66) sena, iben Joseph u Elizabeth neé Xuereb, imwieled Xewkija, Ghawdex fit-2 ta’ Frar 1947, u residenti fil-fond ‘Patrick Court’, Flat 4, Blokk B, Triq Dun Frangisk Mizzi, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 12547(G),

akkuzat talli nhar id-9 ta’ Novembru 2012, ghall-habta tat-tmienja u nofs ta’ filghodu (8:30a.m.), waqt li kien jinsab fi Triq ix-Xatt, Ghajnsielem, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw u cioé numru ta’ registrazzjoni falz ta’ mutur u numru jaqra FBA 104;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta’ mutur jaqra FBA 104;

3. talli ghamel uzu minn marka ta’ registrazzjoni xort’ohra minn dik moghtija mill-Awtorita’ dwar it-Transport f’Malta dwar xi vettura bil-mutur b’zewg roti *(motorcycle*) partikolari (Reg. 44(5) A.L. 198/2009);

4. talli fl-istess data, hin u cirkustanzi gewwa l-Gzejjer Maltin fi bnadi differenti pparkja jew uza vettura bil-mutur b’zewg roti (*motorcycle*) bi *chassis number* C70-6220004, tal-ghamla Honda 70, minghajr ma l-licenzija kienet mahruga mill-Awtorita’ Kompetenti u mgedda ghas-sena kurrenti. (Reg. 13(1) tal-A.L. 198 tal-2009);

5. talli fl-istess data, hin u cirkustanzi gewwa l-Gzejjer Maltin fi bnadi differenti saq vettura b’zewg roti (*motorcycle*) bi *chassis number* C70-6220004, tal-ghamla Honda 70, minghajr ma’ kien kopert bil-polza tas-sigurta’ dwar ir-riskju tat-terzi persuni;

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura bil-mutur b'zewg roti (*motorcycle*) minghajr ma kellu l-pjanci tar-registrazzjoni msemmija f'Regolament 32(1) tal-A.L. 198 tal-2009 jew pjanci mahruga minn xi awtorita' kompetenti ohra (Reg. 32(7) tal-A.L. 198 tal-2009).

Il-Prosekuzzjoni, f'kaz ta' htija, talbet li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja ta' sewqan ghall-perijodu li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "B") u l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 183 u 188(1) tal-Kapitolu 9, Artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kapitolu 104, u Regolamenti 13(1), 32(7) u 44(5) tal-Avviz Legali 198 tas-sena 2009, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li:

- fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tillibera lill-imputat Carmel Xiberras bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum;

- fir-rigward tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt imputazzjonijiet, tikkundanna lill-istess imputat ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u hames mitt Euro (€ 2500.00) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------